32006R1753

29.11.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 331/7

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1753/2006

tat-28 ta' Novembru 2006

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 669/97 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tat-tariffi tal-Komunità għal ċerti ħut u prodotti tal-ħut li joriġinaw fil-Gżejjer Faroe

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wra li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 669/97 tal-14 ta' April 1997 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti u l-limiti tat-tariffi tal-Komunità, li jistabbilixxi s-sorveljanza tal-Komunità għal ċerti ħut u prodotti tal-ħut li joriġinaw fil-Gżejjer Faroe, li jiddefinixxi d-dispożizzjonijiet dettaljati li jemendaw u jadattaw dawn il-miżuri u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1983/95[1], u partikolarment l-Artikolu 5(1)(b) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni Nru 1/2006 tal-Kumitat Konġunt KE-id-Danimarka/il-Gżejjer Faroe tat-13 ta' Lulju 2006[2] emendat it-Tabella II tal-Anness għall-Protokoll 1 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faroe, min-naħa l-oħra, billi żiedet il-kwota tariffarja annwali għall-gambli, gambli kbar u awwisti tan-Norveġja, ippreparati u ppreżervati, minn 3 000 għal 4 000 tunnellata. Dik id-Deċiżjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2006.

(2) Il-volum tal-kwota tariffarja annwali għall-gambli, gambli kbar u awwisti tan-Norveġja, elenkati fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 669/97 taħt in-numru tas-serje 09.0679, għandhom jiġu emendati biex titqies din iż-żieda.

(3) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

---

[1] ĠU L 101, 18.4.1997, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 31/2002 (ĠU L 6, 10.1.2002, p. 36).

[2] ĠU L 221, 12.8.2006, p.15

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 669/97 huwa emendat kif ġej:

Fit-tabella, għan-numru tas-serje 09.0679 b'rabta mal-kwota tariffarja annwali għall-gambli, gambli kbar u awwisti tan-Norveġja, ippreparati u ppreżervati, il-volum indikat fis-6 kolonna '3 000' għandu jinbidel b"4 000'.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Settembru 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-28 ta' Novembru 2006

Għall-Kummissjoni
László KOVÁCS
Membru tal-Kummissjoni